MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 1149/2000/1

**Michael Bajada**

**vs**

**Middle Sea Insurance plc**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 6 ta' Gunju 2000 ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn esponiet: -

Illi l-attur kien fit-3 ta' Lulju 1997 talab u ottjena minghand is-socjeta' konvenuta *tramite*, l-agent taghha Melita Insurance Agency Limited, il-hrug tal-polza numru 000011*1*82*51*97 illi kienet tkopri l-fond Bajada Autoparts, gewwa Labour Avenue, Naxxar, proprjeta' tal-

istess attur, kontra diversi riskji, fosthom is-serq, matul il-perijodu bejn it-3 ta' Lulju 1997 u t-2 ta' Lulju 1998.

Illi f'Dicembru 1997, terzi skonoxxuti dahhlu fl-imsemmi fond u serqu diversi oggetti konsistenti f'diversi *spare parts* ta' vetturi illi huma nkluzi fil-lista hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'A'.

Illi tali serq gie regolarment notifikat lis-socjeta' konvenuta, dakinhar stess illi sehhet is-serqa, *tramite* l-imsemmija agenti taghha mill-attur permezz tal-*claim* opportun kif ikkontemplat mill-polza ta' assigurazzjoni fuq imsemmija.

Illi l-valur tal-imsemmija *spare parts* misruqin dikjarati mill-attur u accettati mis-socjeta' konvenuta kien ta' hamest elef disa' mija u erbatax-il Lira Maltin (Lm5,914.00).

Illi *ai termini* tal-imsemmija polza, is-socjeta' konvenuta hija obbligata illi taghmel tajjeb ghat-telf soffert mill-attur fis-somma ta' hamest elef disa' mija u erbatax-il Lira Maltin (Lm5,914.00), salv tnaqqis tal-"excess" mhux kopert skont il-polza.

Illi d-diversi talbiet tal-attur illi jithallas u jigi kkompensat mis-socjeta' konvenuta gew michuda minghajr ma' nghataw ragunijiet precizi ghal tali cahda.

Tghid is-socjeta' konvenuta ghaliex ma' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara illi *in vista* tal-polza ta' assigurazzjoni fuq imsemmija mahruga mill-istess socjeta' konvenuta favur l-attur u *in vista* wkoll tal-verifika ta' riskju kopert mill-istess polza, l-imsemmija socjeta' konvenuta hija obbligata taghmel tajjeb ghat-telf soffert mill-attur bhala konsegwenza tal-verifika tal-imsemmi riskju u dan fis-somma ta' hamest elef disa' mija u erbatax-il Lira Maltin (Lm5,914) jew somma ohra verjuri likwidata minn din l-istess Qorti anke wara li jitnaqqas l-"excess" imsemmi fl-istess polza.

2. Tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-attur l-istess somma ta' hamest elef disa' mija u erbatax-il Lira Maltin (Lm5,914) jew somma ohra verjuri illi tista' tigi likwidata u stabbilita minn din il-Onorabbli Qorti anke *in vista* u wara t-tnaqqis tal-"excess" illi skont il-polza ta' assigurazzjoni m' hijiex koperta mill-istess polza.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra bonarja tal-10 ta' Novembru 1998 u dawk tal-ittra gudizzjarja tat-23 ta' Marzu 1999 u bl-imghaxijiet legali, b'effett mid-data illi sar il-*claim* jew data verjuri stabbilita appozitament mill-Qorti sal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tad-9 ta’ Ottubru 2000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata 21 ta’ Awwissu 2000 (fol 12) fejn esponiet : -

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes ghas-segwenti ragunijiet:

1. Preliminarjament it-talba attrici hija preskritta *a tenur* tal-artikolu 2153 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Minghajr pregudizzju ghall-premess u in subbordinazzjoni ghall-istess mid-dokumenti sottomessi mill-attur lis-socjeta` konvenuta, irrizulta li s-serq kien kwantifikabbli ghall-ammont ta’ elfejn Liri Maltin biss u mhux ghall-ammont rikjest, liema ammont ta’ elfejn Liri Maltin l-attur irrifjuta bhala kumpens ghas-serq.

3. Illi fi kwalunkwe kaz l-attur jrid jipproduci d-dokumentazzjoni kollha tal-affarijiet li kellu fil-hanut u li allegatament insterqu sabiex tigi kwantifikatata l-valur tal-allegat serq li sehh.

4. Is-socjeta` attrici ma ghandhiex tigi kundannata thallas l-ispejjes legali peress li sallum hi qatt ma inghatat

d-dokumentazzjoni necessarja li biha setghet taccetta l-*claim* maghmul u kienet tigi evitata l-odjerna kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Novembru 2000 fejn is-socjeta` konvenuta rtirat l-ewwel eccezzjoni taghha dwar il-preskrizzjoni u ghalhekk din il-kawza kompliet fuq il-mertu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta’ Novembru 2005 (fol 206) mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn l-Avukati tal-partijiet ittrattaw estensivament il-kawza liema trattazzjoni giet registrata. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta’ Frar 2006; u l-verbali tas-seduti l-ohra kollha nkluz dak tat-12 ta’ Dicembru 2012 fejn b’ ordni tal-Qorti il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ April 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta’ Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ April 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn b’ ordni tal-Qorti il-kawza giet differita ghat-28 ta’ Novembru 2013 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Qabel xejn il-Qorti tirrileva li din il-kawza giet ghall-konsiderazzjoni taghha kif attwalment komposta b'surroga datata 16 ta’ Jannar 2013.

Illi l-atturipprezenta din l-istanza sabiex jottjeni kumpens mis-socjeta` assigurattiva konvenuta ghad-danni li hu sofra minhabba serq li gie attwat fil-proprjeta` tieghu, "*Bajada Autoparts",* gewwa Labour Avenue Naxxar, f'Dicembru 1997. Ghalhekk talab li in forza tal-polza tieghu *in vigore* ghall-perjodu bejn it-3 ta' Lulju 1997 u t-2 ta' Lulju 1998 jigi rizarcit tad-danni sofferti ammontanti ghal Lm5,914 salv tnaqqis tal-*excess* mhux kopert skont il-polza.

Is-socjeta` konvenuta eccepiet il-preskrizzjoni *a tenur* tal-artikolu 2153 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. *Inoltre* tghid li l-ammont li rrizulta mis-serqa hu kwantifikabbli fl-ammont ta' Lm2,000, liema somma l-attur stess irrifjuta bhala kumpens ghas-serq. F'kwalunkwe kaz l-attur ghandu jipproduci d-dokumentazzjoni kollha tal-affarijiet li kellu fil-hanut li allegatament insterqu, u jghidu wkoll li m'ghandhomx ibatu l-ispejjez legali peress li l-attur ma tahomx id-dokumentazzjoni necessarja biex taccetta l-*claim* tieghu u tigi evitata din il-kawza.

Is-socjeta' konvenuta rtirat l-ewwel eccezzjoni taghha dwar il-preskrizzjoni fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2000[1] u ghalhekk din il-kawza kompliet fuq il-mertu.

**<u>Provi Prodotti</u>**

Xehed l-attur **Michael Bajada**[2] li afferma li meta mar biex jiftah ix-*showroom* tieghu filghodu sab ix-*shutters* sgassati u l-fond ikklirjat mill-oggetti li kellu. Kien kopert b'polza tal-*insurance* mas-socjeta' konvenuta fl-ammont ta' Lm10,000. Kellu *spare parts second hand* ghall-bejgh u kellu oggetti li kienu anke *on consignment.*

Kien ghamel sentejn tiela' u niezel ghand l-*insurance*. Qal li kien tharrek ukoll mis-sid tal-oggetti misruqa, certu Pacifico Vella, li kienu ghandu *on a consignment basis.*

Riferibbilment ghall-elenku ta' oggetti a fol 6 u 7 tal-process, spjega li din kienet il-lista tal-*stocktaking* li sar minnu u Pacifico Vella qabel is-serqa. Dawn l-oggetti kollha naqsu. Il-lista ghandha d-data 10 ta' Gunju 1997.

Ir-rapprezentant tal-assigurazzjoni kien offrielu Lm2,000 ghaliex hekk stmahom l-oggetti misruqa. Il-polza ma kinetx tkopri l-bini imma *contents* biss.

---

[1] Verbal a fol.16 tal-process.
[2] Xhieda a fol. 23 et.seq.tal-process.

Il-garr tal-i*spare parts* mill-Bidnija sax-*showroom* tal-attur gie kkonfermat minn Matthew Vella[3] u Martin Farrugia[4].

Rega’ xehed fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2001 quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta u qal li meta tkellem mal-agent tal-assigurazzjoni qallu li ried jassigura x-*showroom* fil-valur ta’ Lm10,000 peress li kellu affarijiet bil-valur ta' Lm6,000. Dan accetta u qallu li kellu jigi *inspector* biex jara jekk hemmx *bars* fit-twieqi. Izda baqa' ma gie hadd. L-agent kien qallu biex jaghmel hadid fit-twieqi u fil-fatt ghamilhom. Ikkonferma *proposal form*. Ma saqsiehx kemm jiswew l-oggetti meta ghamel l-*insurance.* Il-ftehim li kellu ma' Pacifico Vella urieh lill-assigurazzjoni wara s-serqa. Il-valur li ta lill-agent Fiorini kien ta' Lm6,000 u hu wiegbu "*naghmluha Lm10,000 halli forsi jekk izzid tkun covered".* Meta gie Fiorini bil-formola tal-assigurazzjoni, qal li dan kien it-tieni darba li kien gie. Meta gie l-ewwel darba, il-post kien vojt u gharrfu li kien ser ikollu valur ta' affarijiet fl-ammont ta' Lm6,000. Sussegwentement kif ried l-istess agent kien ghamel il-hadid fit-twieqi, u meta rega' gie Fiorini bil-formola tal-assigurazzjoni, il-post kien mimli bl-oggetti ta' Vella u mbaghad zied xi affarijiet tieghu stess.

L-affarijiet tieghu ma ttiehdux peress li kienu tqal.

Cahad li qal lill-Pulizija li nsterqu valur ta' Lm3,500.

**In kontro-ezami** qal li ma qallux lil Fiorini li l-merkanzija ma kenitx tieghu. Qal ukoll li l-mistoqsjiet fil-*proposal form* a fol. 61 ma sarulux u ffirma l-karta ghaliex kien jafda lill-agent. B'riferenza ghall-mistoqsija numru sitta fuq il-*proposal form* "*State how often and for what period these premises are likely to be left entirely unattended*" u r-risposta "*no working hours",* baqa’ jinsisti li l-agent ma saqsieh xejn. Izda riferibbilment ghall-mistoqsija numru tnejn *"Kemm ilek tokkupa dan il-post"* u t-twegiba "*8 snin*" qal li kien ovvju li din l-informazzjoni tahielu hu stess lil Fiorini.

---

[3] Xhieda a fol.36 et.seq.tal-process.
[4] Xhieda a fol. 40 et.seq.tal-process.

Skont **Martin Farrugia** hafna mill-*parts* kienu *second hand* izda kienu f'kundizzjoni tajba. Kien hemm hafna sprejjati. Ikkonferma li kien hemm zgass u li ma kien baqa' xejn fix-*showroom.*

Xehed l-**Ispettur Carmelo Micallef** u esebixxa kopja tal-Police Incident Report (**DOK.CM1**[5]) li sar minn Michael Bajada dwar serq fis-17 ta' Jannar 1998 minn Bajada Auto Parts in-Naxxar. Skont ir-rapport l-oggetti "*kienu jlahhqu Lm3,500)*. Skont ir-rapport hemm imnizzel "*last saw the place intact yesterday at 5.00pm".* L-ammont inghata bhala *estimate* mis-sid meta ghamel ir-rapport.

Xehed **Andrew Pizzuto**[6]. Gew esebiti kopja tal-*proposal form* **(DOK AP1)**[7] u tal-polza ta' assigurazzjoni in kwistjoni **(DOK AP2)**[8]. Ix-xhud ikkonferma li l-attur kien assigurat kontra serq ta' *car parts* f'Bajada Auto Parts, in-Naxxar fl-ammont ta' Lm10,000. Is-serqa saret waqt il-perjodu kopert mill-polza.

Is-serqa saret fis-16 ta' Jannar 1998 u fl-20 ta' Jannar, l-attur mar l-ufficcju biex jaghmel *claim.* Sar *survey* l-ghada.

Kien hemm diversi problemi fil-*claim*. Meta ghamel il-*claim* l-attur kien infurmahom li kellu *previous 'theft claims*' li ma kienux iddikjarati fuq il-*proposal form.*

Fit-tieni lok kien hemm nuqqas ta' dokumentazzjoni. Meta gie biex jaghmel il-*claim* qallu li l-oggetti misruqa ma kienux tieghu imma ta' haddiehor. Skont li qallu l-attur f'sitt xhur biegh sett ta' *hub caps* biss- "*mitt lira xoghol*". Meta talbuh prova tal-bejgh ma tahom xejn.

Imbaghad mir-rapport tal-pulizija saru jafu li l-valur tal-i*stock* misruq gie dikjarat bhala Lm3,500, liema valur jirrizulta wkoll mill-*proces verbal* tal-inkjesta. Is-socjeta`

---

[5] Esebit a fol. 48. tal-process.
[6] Fol. 70 et.seq.
[7] Fol. 62 et.seq.
[8] Fol. 65 et.seq.

assigurattiva kellha tivverifika li *stock* b'valur ta' Lm5,900 veru waslu Malta. Izda rrizulta li l-valur kien *underdeclared* meta ddahhlu f'Malta dawn il-*parts* minn haddiehor. Ghalhekk huma sabu biss ammont ta' Lm1,400 li kellu x'jaqsam mal-*claim* peress li t-terza persuna li dahhlet l-i*stock* ghadditilhom zewg ircevuti, wahda ta' stg £650 u ohra ta' stg £1,500. Kien hemm diskrepanza bejn l-ircevuti li jirreferu ghall-*car parts* u l-*customs documents* li kienu jinkludu *engine parts*. Peress li kien hemm tahwid kbir fid-dokumentazzjoni s-socjeta` konveuta ghamlet proposta ta' Lm2,000 biex huma jghalqu l-kaz. L-attur irribatta li ried Lm4,000 izda ma kellux karti li juru b' Lm4,000 *stock*.

Ix-xhud ikkonferma li l-polza tkopri l-kaz ta' serq ta' oggetti appartenenti lil haddiehor "*nofs ix-xoghol fil-hwienet huwa ta' haddiehor on a commission basis."* L-oggetti misruqa f'dan il-kaz kienu *goods in trust* peress li sar ftehim bejn l-attur u l-proprjetarji tal-oggetti.

Xehed **Pacifico Vella**[9] u kkonferma d-dokument a fol. 6 u 7 tal-process. L-oggetti imnizzla fil-lista kienu kollha oggetti li gab hu minn barra f'April - Mejju tas-sena 1997 li ghadda lill-attur. L-arrangament kien li l-attur jiehu *commission* ta' 20% fuq l-oggetti li biegh. Apparti dawn kien hemm xi merkanzija ohra li kienu gabu minn barra li baqghet ghandhom - "*xi haga zghira."* Bghatt ittra b'avukat lill-attur fejn qed jippretendi l-hlas ta' Lm5,914. Skont ix-xhud dan jirrapprezenta kwazi l-prezz tax-xiri tal-*parts* peress li l-vann li garrew il-*parts* fih kellu l-hsara f'Milan u nkluda l-ispiza li inkorra fiha. Minn dan il-prezz irid jitnaqqas il-*commission* ta' 20% u ghalhekk swewh xi Lm4,700.

In **kontro-ezami** gie mistoqsi dwar id-dokument originali li kellu f'idejh tal-kopja a fol 6 u 7 tal-process u jekk dan gie ffirmat <u>wara</u> li sar il-*claim*. Gie mistoqsi kif jispjega li meta giet ipprezentata l-*claim* id-dokument li gie mghoddi lill-assigurazzjoni ma kienx iffirmat. Hu wiegeb li kien ghadda zewg kopji lill-attur, wahda minnhom iffirmata.

---

[9] Xhieda a fol. 87 et.seq.

Il-*Customs Declaration* hija f'isem John Fenech, li hu shab mieghu. "*Jista' jkun li ddahhlu fil-1996, ghax insejt bhalissa bl-amment.*"

Mistoqsi mill-Qorti kif siehbu jismu John Fenech filwaqt fuq id-dokument a fol 6 u 7 hemm firma ta' certu Carmelo Refalo qal "*Jista' jkun ghax forsi meta harighom mid-Dwana...*"

Xehed **Saviour Ellul** *surveyor* mal-kumpanija *Valletta Survey Company Ltd.*[10] u esebixxa kopja tas-*survey report* li rrediga dwar il-kaz in ezami (**Dok.SE1**) datat it-28 ta' Mejju 1998.[11] Kien tkellem mal-attur kif ukoll ma' Pacifico Vella li kien ikkonsenjalu l-oggetti *on consignment.* Skont il-pagna 4 tar-rapport kien hemm xi bibien ta' vetturi u *disc brakes* li ma kienux gew ikkonsenjati minn Vella.

L-attur kien qallu li ma kenitx inharget *delivery note* jew ricevuta li turi li inghaddew l-oggetti li rrapporta li nsterqu fil-pussess tieghu (pagna 5 tar-rapport). Iltaqghu ma' Vella u "*hadna taghrif li kienu gew ikkonsenjati oggetti lil Bajada ammontanti bejn wiehed u iehor ghal Lm1,400.*"

Minnkejja li Vella tahom dokumentazzjoni "*ma stajniex nikkonfermaw mija fil-mija li dawk id-dokumenti kienu fil-fatt jirreferu ghal dik il-merkanzija" (*li nsterqet). Dawn id-dokumenti kienu *invoices* minghand fornituri Inglizi elenkati fil-pagna 7 tar-rapport u huma datati bejn 20/4/1996 sa 23/10/1996.

Rega' xehed fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2005 u qal li irrizultalu mill-attur li kien ga gie misruq mentri fil-*proposal form* (mistoqsija numru 9) dan ma giex zvelat. Kieku semmielu kumpanija ohra involuta jew persuna ohra, kien inizzlu fir-rapport. Qaghad fuq dak li qallu l-attur.

Qal li l-valur ta' *second hand car parts* jiddependi fuq il-kondizzjoni tieghu u d-domanda fuq is-suq. L-attur

[10] Xhieda a fol. 158 et.seq.
[11] Fol.141 - 151 tal-process .

qallhom li l-BMW parti kienu "*in extremely good condition".* Saqsewh x'inbiegh mill-i*stock* u hu wegibom 'ftit hafna' - *hubcaps* u saqsewh ir-ragun ghall-*lack of business* minhabba li l-valur huwa skont id-domanda u d-domanda, milli qallhom l-attur stess, dehret li kienet baxxa. "*Ma kienx hemm evidenza dokumentata jew xi haga ghal daqstant kienu gholjin."*

Qal li kkonsidra s-segwenti kriterji :-

*i. li ma kienux qed jinbieghu*

*ii. hija probabbli li ma inbieghux ghax il-prezz kien gholi jew ghax mhix f'kondizzjoni tajba.*

Peress li ma kellux informazzjoni dwar dawn il-kriterji ma setax jikkonferma jekk il-prezz indikat fid-dokument kienx gust jew le.

Michael Bajada ma kellux dokumentazzjoni normali bhal *invoices etc*. Jistghu jghidu mid-dokumentazzjoni li ghaddielhom Vella, esebit mar-rapport li setghu jikkollegawhom mal-lista li gab l-assigurat. Hemm izda xi oggetti li m'ghandhomx x'jaqsmu.

Fuq Dokument **SE5** intestat **Manchester Van Brokers**, qal li l-*prop* u *transmission box* ma gewx trejsjati. Vella qallhom li ma kienux fil-*lot* trasferit lill-attur. Kien hemm xi affarijiet ohra li ma setax jittrejsahom.

Dwar Dok SE7, **Mowsli Spare Parts**, kien hemm xi *two sets lights* fil-lista tal-attur. Il-valuri ta' dan id-dokument ma kienx *itemised.*

## KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI

Il-polza ta' assigurazzjoni hija kuntratt li hija vinkolanti bejn il-partijiet.[12] Gie ritenut li "*l-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali*

[12] *F'materja kontrattwali l-ftehim hu ligi ghall-partijiet kontraenti (Art. 992 (1) Kodici Civili;* ***Carmelo Bajada noe v. Fr. S. Cachia et noe*** *(A.K. deciz 16 ta' Lulju 1973);*

*ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda*". (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – "**Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines**"). Esami tal-klawsoli tal-polza hija materjali ghad-determinazzjoni tad-drittijiet u obbligazzjonijiet vigenti bejn l-assigurazzjoni u l-assiguratur

*Inoltre* l-*proposal form* hija ritenuta bhala parti integrali tal-polza ta' l-assigurazzjoni. Kif gie ribadit mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet "***Angelo Spiteri -v- Citadel Insurance p.l.c."*** per. On. Imh. P. Sciberras li "*hu dottrinalment ricevut illi in linea generali l-ftehim ta' assigurazzjoni jaf il-bidu tieghu lid-dokument li kif inhu maghruf mill-istess nomenklatura tieghu jkun jikkontjieni proposta da parte tal-persuna li tkun trid tassigura li trid tidhol f'rapport ta' assigurazzjoni. Proposta din li una volta accettata mill-assiguratur tipperfezzjona l-kuntratt u tikkreja l-vinkolu kontrattwali: 'This proposal indicates the basis upon which the proposer is prepared to contract and it is up to the insurer to decide whether to provide cover, and if so, at what premium" –* **Ivamy** ("*General Principles of Insurance*" 4th Ed. 1979, pagna 107). *Il-proposta, u l-accettazzjoni taghha, jikkrejaw il-'consensus ad idem' u hu proprju ghalhekk illi l-kuntratt inispecje hu meqjus bhala wiehed ta' "uberrimae fidae" u l-kontraenti ghandhom ikunu bil-massima bona fede meta jiffirmawh."*

Il-polza mertu ta' din il-kawza (**DOK. AP2**) tkopri l-perjodu bejn it-3 ta' Lulju 1997 u t-2 ta' Lulju 1998 u ghalhekk kienet vigenti meta sehh is-serq. Il-*proposal form* **(DOK. AP3)** ikopri '*goods in trust*' li s-socjeta` assigurattiva accettat li jkopri l-oggetti misruqa.

**Applikazzjoni tal-Principji Legali ghall-Kaz in Ezami.**

Fil-kors tal-provi tqajmet kwistjoni dwar il-validita' tal-polza minhabba ksur tal-obbligu ta' *full disclosure* li jinkombi fuq l-assigurat peress li fil-*proposal form* ma ddikjarax li kien ssubbixxa serq fil-passat. Dwar dan id-difensur tal-kumpanija assiguratrici ddikjara fis-sottomissjonijiet

verbali tieghu li ma kienux ser jidhlu f'din il-kwistjoni (fol. 202). Ghalhekk il-kwistjoni tieqaf hawn u l-indagni tal-Qorti ghandha issir fuq l-apprezzament tat-talbiet attrici fid-dawl tat-tieni eccezzjoni tal-kumpanija konvenuta, cioe`, il-valur tal-oggetti misruqa *ai fini* tal-kumpens mitlub taht il-polza.

Mill-atti processwali l-Qorti hija soddisfatta li s-segwenti fatti gew ippruvati sal-grad rikjest mil-Ligi u cioe`:-

i. Il-fatt tas-serq li sehh fis-16 ta' Jannar 1998 (u mhux f'Dicembru 1997 kif premess fic-citazzjoni). Dan hu sorrett mill-PIRS report (**DOK CM1)** u mix-xhieda tal-**Ispettur Carmelo Micallef** li semma' ukoll li kienet saret inkjesta Magisterjali dwar il-kaz.

ii. Li l-oggetti misruqa kienu *spare parts* ta' vetturi u li dawn kienu fil-pussess tal-attur *on a consignment basis* u gew mghoddija lilu minn certu Pacifico Vella.

iv. Li s-serqa hija koperta mill-polza ta' assigurazzjoni rilaxxata mill-kumpanija assigurattiva *Middle Sea Insurance Co Ltd.*

Bazikament ma hemmx kuntrast bejn il-partijiet dwar dawn il-kostatazzjonijiet. Il-qofol ta' dan il-kaz jikkoncerna l-valur tal-oggetti misruqa li, skont l-attur, jammonta ghal Lm5,914.

L-attur qed jibbaza t-talba tieghu fuq skrittura ffirmata minnu u minn Pacifico Vella, li kkonsenjalu l-oggetti, esebita a fol. 6 u 7 tal-process. Din l-iskrittura hija datata l-10 ta' Gunju 1997 u tikkontjeni *itemised list* ta' *spare parts* ta' vetturi bil-valur ta' kull *part* imnizzel hdejh.

Il-lanjanza tas-socjeta` konvenuta hija li l-*claim* tal-attur mhix sostnuta b'dokumentazzjoni mehtiega li jista' jirrisali ghall-valur tal-oggetti meta gew akkwistati mill-fornitur esteru minn Vella u meta ngiebu f'Malta. Il-lista ffirmata a fol. 6 u 7 tal-process, ma gietx accettata *at face value* mis-socjeta' assigurattiva bhala prova tal-valur tal-oggetti li insterqu.

Frankament il-Qorti tifhem il-posizzjoni tas-socjeta' assigurattiva li sabet "*tahwid*" fid-dokumentazzjoni provvduta mill-attur u minn Vella. Hija haga logika li sabiex jirnexxi fit-talba tieghu, l-attur ghandu l-piz li jipprova li l-oggetti misruqa kienu tal-valur reklamat ta' Lm5,914.

L-unika prova li jistrieh fuqha hija l-ftehim li sar bejnu u bejn Pacifico Vella a fol. 6 u 7 tal-process. Izda dan id-dokument hu inkonsistenti mal-provi l-ohra prodotti mill-attur stess.

L-ewwel nett, jirrizulta mir-rapport redatt mill-Pulizija (**DOK CM1)** li l-valur li nghata lill-Pulizija *a tempo vergine* kien ta' Lm3,500. Skont ir-rapport, dan l-ammont inghata bhala *estimate* mis-sid meta ghamel ir-rapport (ara xhieda ta' Andrew Pizzuto). L-Ispettur Carmelo Micallef imbaghad xehed li dan l-ammont jirrizulta wkoll mill-*process verbal* tal-inkjesta. Wiehed jistenna li kummercjant ikun veritier meta jaghmel rapport li ser isservi bhala l-bazi ta' indagni mill-pulizija u li d-dokument esebit a fol 6 u 7 kien a disposizzjoni tieghu.Minn dan id-dokument facilment jirrisulta l-valur totali tal-oggetti misruqa.

Il-konflitt ma jieqafx hawn. Pacifico Vella, li kien hu li gab l-oggetti f'Malta flimkien ma' socju iehor, l-ewwel qal li kien qed jippretendi mill-attur is-somma ta’ Lm5,914, imbaghad ikkjarifika ruhu billi qal li minn dan ghandu jitnaqqas il-*commission* tal-attur biex l-ammont dovut lilu jkun ta' Lm4,700. Qal ukoll li ma kienx ser jaghmel ebda profitt billi l-vann li uza biex garrew l-oggetti kellu l-hsara u kellhom ihallsu ghat-tiswijiet. Dan juri li fil-prezz reklamat minn Vella hemm mhux biss il-*commission* tal-attur, imma l-profitt tieghu, liema profitt gie fix-xejn (skont hu) minhabba l-ispiza straordinarja tat-tiswijiet li kellu jaghmel u li huma estranei ghall-mertu ta' dan il-kaz. Fid-dawl ta' din ix-xhieda, l-ammont ta' Lm3,500 iktar joqrob il-verita'.

Izda hemm konsiderazzjoni ohra li din il-Qorti hija fid-dover li taghmel.

Lis-*surveyor* Saviour Ellul gew prodotti zewg ircevuti, wiehed ta' stg £650 u iehor ta' stg £1500 riklaxxjati mill-fornituri esteri[13] bhala prova ta' xiri u importazzjoni[14]. Dawn gew mghoddija minn Pacifico Vella li ddikjara li l-valuri tal-*invoices* kienu "*underdeclared for commercial reasons"* (ara pagna 6 tar-rapport tas-Surveyor). Il-Qorti m'ghandhiex dubju x'kienu dawn il-*commercial reasons* u li dawn ma kienu xejn ispirati minn motivazzjonijiet leciti. Tqis izda li jkun iktar utili li toqghod fuq dan il-valur *ai fini* tal-likwidazzjoni tad-danni, liema valur, *del resto*, kien dak iddikjarat ghall-iskop ta' importazzjoni mid-Dwana. Kull zieda fuq dan il-valur ikun ezercizzju efimeru u jservi biex jippremja l-illecita' tenut kont li l-importaturi ga ibbenefikaw indirettament billi hallsu dazju inqas milli suppost kellhom ihallsu.

Mir-rapport tas-*surveyor* jirrizulta li "*On the basis of the descriptions appearing on the two abovementioned invoices most of the items were traced to the list of stock items forwarded by the insured. These items amounted to a value of some Lm1,400."*[15] Ma dawn kien hemm *freight charges* ta' Lm330 (kont datat 25/4/1996 (**DOK SE6**). Dan ma jkoprix l-oggetti misruqa biss imma wkoll oggetti ohra li kienu inkluzi fl-*invoices*. Skont ir-rapport gie esebit kont iehor rilaxxjat minn *Sea Malta Company Limited* (DOK SE8) izda dan jirreferi ghall-polza ta' kariku mahrug fil-21 ta' Ottubru 1996 li certament ma jirreferix ghall-oggetti mixtrija bl-*invoices* **SE5** u **SE7** li nxtraw f'Marzu u April 1996. Huwa intestat lil John Fenech u ma hemm ebda prova ta' kollegament bejn dan il-kont u l-oggetti in kwistjoni. Ghaldaqstant m'huwiex ser jigi kkonsidrat ghall-fini tal-likwidazzjoni tal-valur .

Skont il-**klawsola 15** tal-Polza "*The amount payable in the event of destruction damage or loss of the property insured shall be the cost or replacement after deduction being made for wear and tear or depreciation."*

---

[13] **Dokti SE5 u SE7.**
[14] **DOK SE6** kont ghall-hlas tan-noll.
[15] Pagna 6 tar-rapport a fol. 146.

Is-*survey report* ma jasalx ghall-konkluzjoni ulterjuri dwar il-valur li ghandu jigi attribwit lill-oggetti misruqa peress li waqaf fuq il-premessa li kien hemm nuqqas ta' *disclosure* mill-assigurat.

Tajjeb li l-Qorti tirravisa li skont il-polza ta' assigurazzjoni taht il-klawsola intestata "***Warranties"*** hemm imnizzel il-kliem "*Warranted that a complete record of all purchases and sales be kept by the Insured during the currency of this Policy and are readily available in the event of loss."* Ma jistax certament jinghad li l-attur zamm kollox *in order* kif hu mahsub taht il-polza.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hi tal-fehma li l-valur pretiz mill-attur ta' Lm5,914 m'huwiex pruvat u huwa eccessiv. Fic-cirkostanzi l-valutazzjoni li ghamlet l-assigurazzjoni ta' Lm2,000 hija meqjusa li tissoddisfa l-*basis of settlement terms* tal-*policy* (*cost of replacement save depreciation and fair wear and tear*).

Tenut kont ta' dawn id-diskrepanzi kollha ser tillikwida *arbitrio boni viri* l-ammont dovut lill-attur fis-somma ta' erbat elef, sitt mija, tmienja u hamsin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€4,658.75). L-imghaxijiet ser jibdew jghoddu mid-data ta' din is-sentenza peress li l-ammont hekk likwidat kien gja gie offert mis-socjeta` assigurattiva u mhux accettat mill-attur minghajr raguni valida fil-fatt u fil-ligi.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tilqa'** *in parte* l-eccezzjonijiet tas-socjeta' assigurattiva in kwantu li l-attur naqas li jipproduci d-dokumentazzjoni kollha necessarja sabiex setghet taccetta l-*claim* tieghu, **tilqa'** it-talbiet attrici fis-sens limitat skont dan li gej:

1. **Tilqa'** l-ewwel talba attrici u tiddikjara li *in vista* tal-polza ta' assigurazzjoni premessa fic-citazzjoni u mahruga mill-istess socjeta' konvenuta favur l-attur u *in vista* wkoll

tal-verifika ta' riskju kopert mill-istess polza, l-imsemmija socjeta' konvenuta hija obbligata taghmel tajjeb ghat-telf soffert mill-attur limitatament ghas-somma ta' erbat elef, sitt mija, tmienja u hamsin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€4,658.75) li qed tigi likwidata minn din l-istess Qorti u mill-liema somma ghandu jitnaqqas l-"excess" imsemmi fl-istess polza.

2. **Tilqa'** it-tieni talba attrici u tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-attur l-istess somma ta' erbat elef, sitt mija, tmienja u hamsin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€4,658.75) li minnu jitnaqqas l-excess skond il-polza, hekk likwidata u stabbilita bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

L-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------